TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**Fit-Tribunal Ghal Konsumatur tal-Konsumatur**

**CCT 116/15/MS**

**Mark Paris**

**vs**

**Emanuel Camilleri**

Illum, 14 ta' Marzu 2016

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti tat-8 ta' Gunju 2015

Ra r-risposta tal-konvenut tat-22 ta' Gunju 2015.

Ra l-atti kollha processwali, sema x-xhieda,

Ikkunsidra

B'referenza ghall-eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta it-Tribunal jaghmel referenza ghad-digriet taghha tat-13 ta' Lulju 2015 fejn ordna l-kancellament tal-kelma 'services' mill-okkju biex isem il-konvenut gie jaqra biss 'Emanuel Camilleri'. B'hekk il-kwistjoni giet sanata u t-Tribunal m'ghandux ghalfejn jidhol f'din il-kwistjoni.

Rigward il-mertu irrizulta mhux kontestat illi r-rikorrent xtara lift minghand il-konvenut biex jigi installat f'propjeta' indikat mir-rikorrent. Illi fuq istruzzjonijiet tal-konvenut, il-lift gie installat f'Marzu 2012 u dana gie protett bil-plastic sheeting mizmum bil-masking tape. Peress illi kien ghad fadal xoghlijiet isiru fil-fond ir-rikorrent talab illi il-plastic ma jitnehhiex u dana sabiex ma jsirx hsara lill-bibien. U hekk gara. Meta tlestew ix-xogholijiet kollha sena wara ir-rikorrent nehha l-plastic u l-masking tape - u cjoe' f'Marzu tat-2013. (Fol 6). Gara pero' illi il-kolla li kien hemm mal-masking tape halla marki fuq il-bibien liema marki ma setghux jitnehhew b'detergents normali li wiehed isib god-dar. Meta r-rikorrent irraporta lill-konvenut, dan ssugerrielu illi wahda mis-soluzzjonijiet - jekk mhux l-unika wahda - kienet illi l-bieb jinzebah b'oil paint partikolari. F'korrispondenza minnhom jidher illi l- konvenut kien lest illi jissuplixxi z-zebgha basta li x-xoghol isir mir-rikorrent. Dan pero gie rifjutat mir-rikorrent u qed jitlob illi jew jitbiddlu l-bibien jew ix-xoghol isir kollu a spejjes tal-konvenut li hu ikkwantifika fl-ammont ta' elf Euro. (€1,000.00). Bhala gustifikazzjoni ta' dan ir-rikorrent qed jargumeta illi l-konvenut diga' kellu esperjenza b'din il-problema u missu avza lir-rikorrent biex ma jhallix il-masking tape imwahhal mal-bieb ghal sena shiha. In sostenn ta' dan esebixxa d-dokument MP u MP1 fejn hemm jidher illi s-sur Camilleri qieghed ighid 'we face this problem once more in the past and the solution was the oil paint.'

**Ikkunsidra.**

Illi jibda biex jinghad illi r-rikorrent ma gab l-ebda prova biex jiggustifika l-ammont mitlub hlief dokument MP2 li l-anqas huwa iffirmat u l-anqas ikkonfermat bil-gurament. Fi kwalunkwe kaz il-kwistjoni mhijiex dwar l-ammont izda min kellu jkun responsabbli ghal dik il-hsara.

Ikkunsidra

Id-dokument MP1 li ghalih qed jaghmel referenza ir-rikorrent huwa email datat 19 ta' Lulju 2013 bejn Emanuel Camilleri u Mark Paris fejn dak tal-ewwel qed jaghmel referenza ghal parir illi kien ircieva fuq il-kwistjoni minghand il-kumpanija Telco - liema parir irriproduca l-konvenut f'din l-email. F'dan il-parir tal-kumpanija Telco li jibda 'Dear Mr Camilleri ……. u jispicca …. clean them with universal detergent'' qieghda ssir referenza ghal " Regarding painting on the doors it seems that they were dirty with cement …… ". Fil-fatt preciz wara, ssir referenza ghal 'we face this problem once more in the past." Allura hija propju ghal din il-problema tat-tbajja tas-siment li din il-kumpanija giet infaccjata darb'ohra fil-passat - u mhux it-tbajja imhollija mill-masking tape. Din hi problem ghal kollox differenti illi skont Emanuel Camilleri qatt ma ltaqa' maghha qabel.

In fatti Camilleri jiddikjara illi hu kien qatt ma iltaqa' maghha qabel. Fil-fatt fix-xhieda minnu moghtija fis-seduta tal-1 ta' Frar 2016 ighid testwalment 'Jiena qatt ma kelli problemi hekk. Dan huwa l-ewwel kaz.' U dana il-ghaliex kull meta wahhal lift u ikkommissjonah dejjem qala' l-plastic u l-bubble wrap. Din id-darba dan m'ghamlux fuq struzzjonijiet specifici tar-rikorrent. Ghalhekk it-Tribunal ma jsib l-ebda nuqqas da parte tal-konvenut peress illi ma kienx f'posizzjoni li javza lir-rikorrent bil-periklu li jhalli l-masking tape imwahhal mal-bieb ghal sena shiha. U wara kollox, l-anqas ma kien f'posizzjoni li jkun jaf x'kellu f'mohhu ir-rikorrent jew li ser ihalli l-masking tape dak iz-zmien kollu. Fil-fatt ir-rikorrent ta x'jifhem illi kien mghaggel hafna ghal dan il-lift u ghalhekk ma kienx ser idum biex inehhi l-masking tape. Kienet decizjoni tar-rikorrent u martu u taghhom biss illi jhallu t-tape mal-bieb dak iz-zmien kollu.

Fil-fatt f'dik is-sena l-bieb sofra diversi tbajja kif jidhru mir-ritratti ezebiti konsegwenza tax-xogholijiet li kienu ghadhom isiru fil-fond. Dawn it-tbajja zgur illi ma sarux minn xi operat mill-konvenut. Madankollu ir-rikorrent ipprova japprofitta ruhu mis-sitwazzjoni u kien ipponta subghajh lejn il-konvenut bhala l-kawza ta' dawn it-tbajja.

Tenut kont dan kollu, it-Tribunal ghalhekk ma jarax kif ghal dan ghandu jahti l-konvenut. Anzi jidher illi l-konvenut wera certa bonavolonta' meta offra li jissuplixxi iz-zebgha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjes kontra tieghu.

Avv. Michela Spiteri LL.D
Arbitru